**6 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Ir-Repubbblika ta' Malta

*versus*

Andrew *sive* Andrea Facchetti u Frederick Joseph Attard

**Xhud – Domanda lil – Prepossibbilità ta' – Digriet Dwar – Appell – Sigriet-Konfidenzjalità**

*Li ex-Kummissarju tal-Pulizija kien ġie mistoqsi jekk 'tapes' ta' interċettazzjoni telefoniċi ġewx lilu mogħtija minn persuna uffiċjali jew li x-xhud irrifjuta li jirrispondi u l-Qorti kienet ordnatlu li jagħti risposta. Fuq appell il-Qorti eżentat lix-xhud milli jagħti tweġiba għal dik id-domanda. Uffiċjal tal-Pulizija huwa obbligat li ma jiżvelax sigriet lilu fdat in konnessjoni mal-funzjonijiet tiegħu bħala tali.*

Il-Qorti: –

1. din id-deċiżjoni tirrigwarda l-eċċezzjoni ta' rikuża, tal-President ta' din il-Qorti l-Unur Tiegħu l-Professur Giuseppe Mifsud Bonnici, avvanzata minn Frederick Joseph Attard;

2. Din l-eċċezzjoni **ssemmiet** għall-ewwel darba fis-seduta tal-**11 ta' Mejju, 1994**, u ġiet avvanzata formalment b'nota

**tat-12 ta' Mejju, 1994**;

3. In-nota spjegattiva ta' l-eċċezzjoni tgħid hekk:

"Illi fost il-membri ta' l-Esekuttiv li kienu involuti fil-passaġġ tat-"*tapes*" ta' interċettazzjonijiet telefoniċi lill-Pulizija, kien hemm is-segwenti persuni:

L-Onor. Dottor Carmelo Mifsud Bonnici bħala ex-Prim Ministru ta' Malta;

L-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta, Dottor Ugo Mifsud Bonnici, li fiż-żmien in kwistjoni, kien Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura;

u dan l-esponent lest li jippruvah bil-ġurament tal-persuni kkonċernati *(sic)* stess u b'xiehda oħra, jekk l-appell ta' l-Avukat Ġenerali jiġi milqugħ";

4. Għandu jiġi osservat li dan l-appell quddiem din il-Qorti kien ġie appuntat għat-trattazzjoni għat-**Tnejn, 28 ta' Frar, 1984**, mid-9.30 a.m.;

F'din is-seduta, deher Frederick Joseph Attard, l-appellat, però ma kienx assistit minn avukat. L-appell ġie ddifferit għas-sentenza għall-**11 ta' April, 1994**;

**Fit-28 ta' Frar, 1994**, l-istess appellat, permezz ta' l-avukat tiegħu talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Fis-seduta tal-**11 ta' April, 1994**, ġie rreġistrat dan il-verbal:

"Il-Qorti qed tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza għaliex fir-realtà ma laħqitx kitbitha u qed tikkonċedi l-fakoltà lil Frederick Attard biex jagħmel sottomissjonijiet orali;

Il-kawża tibqa' ddifferita għall-provvediment jew għas-sentenza in difett ta' ostakolu għall-**11 ta' Mejju, 1994**";

5. L-artikolu 739 Kap. 12 jiddisponi illi:

"Ma tistax tingħata l-eċċezzjoni ta' rikuża ta' imħallef meta r-rikorrent, jekk ikun l-attur, ikun ġà fisser it-talba tiegħu fis-smigħ tal-kawża, jew, jekk ikun il-konvenut, ikun ġà ta l-eċċezzjonijiet tiegħu, kemm-il darba r-raġuni tar-rikuża ma tkunx inqalgħet wara, jew ir-rikużant, jew l-avukat tiegħu ma jiddikjarax bil-ġurament li ma kienx jaf b'dik ir-raġuni jew li na ndunax b'dik ir-raġuni jew li ma ndunax b'dik ir-raġuni fiż-żmien li jmiss";

6. Applikat dan l-artikolu għall-każ preżenti, dan ifisser illi l-eċċezzjoni kellha tiġi ssollevata fis-seduta tat-**28 ta' Frar, 1994**. Huwa veru li dakinhar Frederick Joseph Attard deher fis-seduta mingħajr ma kien assistit mill-avukat tiegħu. Huwa veru li din l-assenza kienet effett ta' żball ta' l-istess avukat, kif hemm spjegat fir-rikors ta' l-istess data fejn jingħad illi l-avukat:

"Ma ndunax li kienet bil-ħin fid-9.30 a.m. u ta' dan huwa ġà skuża ruħu ma' din l-Onorabbli Qorti meta daħal fl-awla, aktar tard wara li laħqet ġiet differita";

Il-Qorti kienet konvinta li dan kien verament żball ġenwin kif ikkonstatat "*de viso*" dak inhar stess;

Dak li mhux spjegat però huwa l-fatt illi l-eċċezzjoni ma ngħatatx fis-seduta li kien imiss – **dik tal-11 ta' April, 1994**, u fuq dan, strettament, l-eċċezzjoni li mbagħad ġiet issollevata fis-seduta sussegwenti tal-**11 ta' Mejju, 1994**, ma tirriżultax proponibbli – skond l-istess artikolu;

Huwa manifest illi dan l-artikolu tal-liġi huwa aktar minn raġonevolment ġustifikat għaliex altrimenti l-imħallef rikużat, li jkun diġà ħa piena konjizzjoni tal-kawża, m'għandux sussegwentement jiġi rikużat **b'telf ta' xogħol** u, **l-aktar ta' żmien**, bi ħsara sostanzjali għall-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja fi żmien raġonevoli element essenzjali ta' dik l-amministrazzjoni, li qiegħed, fir-realtà, fi kriżi kważi permanenti. Din il-konsiderazzjoni mbagħad tispikka meta l-kawża tkun diġà ġiet differita biex tingħata s-sentenza, bħal f'dan il-każ;

7. Ma' din l-irritwalità trid tiżdied il-konsiderazzjoni l-oħra li għaliha wkoll l-eċċezzjoni ma tistax tiġi milqugħa mill-Qorti;

Għall-**iskopijiet** ta' din ir-rikuża, l-appellat qiegħed jallega illi:

"Fost il-membri ta' l-Esekuttiv li kienu involuti fil-passaġġ tat-*tapes* ta' interċettazzjonijiet telefoniċi lill-Pulizija", kien hemm ħu u l-prim kuġin tal-President ta' din il-Qorti;

Fir-risposta tiegħu f'dan l-appell l-istess appellat qal:

"Id-domanda ma tridx tkun taf il-persuna li tatħom lil Alfred Calleja, imma biss jekk din għandhiex funzjoni governattiva jew esekuttiva.....;

Illi mhux minnu dak li ġie asserit gratwitament u supertiu li l-esponenti ġà jaf ir-risposta għal din id-domanda. Anki kieku dan kien veru, x'jaf l-esponent mhux prova fil-kawża u **dak li hu jaf jew aħjar jissuspetta jrid jiġi kkonfermat mix-xhieda**";

Minn dan jidher ċar illi l-appellat qed jibbaża l-eċċezzjoni fuq **supposizzjonijiet**, jew l-aktar l-aktar, **suspetti**, li għadhom b'ebda mod ma jsibu riskontri fil-proċess. Iż-żewġ persuni indikati, huma difatti imniżżla bħala **xhieda** tad-difiża, u f'din il-proċedura ma jidhirx li huma **partijiet in kawża**, mentri l-eċċezzjoni avvanzata tistrieħ fuq dan l-element;

"734. L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża:

(a) .....;

(b) Jekk tkun qarib mid-demm fil-grad ta' **hu**, ziju jew neputi, pro-ziju jew pro-neputi jew **kuġin, ta' waħda mill-partijiet**....."; 

Għalhekk, anki din in-norma tal-liġi, espressament riferita mill-appellat, ma tawtorizzax lil din il-Qorti li tilqa' dik l-eċċezzjoni;

8. Fl-istat li jinsabu l-atti llum u f'dan l-istadju, ma jkunx korrett li tintlaqa' l-eċċezzjoni billi din, kif intqal, mhux biss m'għandhiex il-konfort tal-liġi imma lanqas m'għandha xi fatt konkret li b'xi mod jinduċi lill-President ta' din il-Qorti li, fuq konsiderazzjonijiet, anki extra-legali imma ġuridiċi, jastjeni "*sua sponte*" milli joqgħod f'kawża fejn jista' jnutri xi preġudizzju – naħa jew oħra.